MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2014

Talba Numru. 1449/2010

**Atlas Insurance PCC Limited C5601, kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha FGL Entertainment Limited u l-istess FGL Entertainment Liminited C 41655**

**vs**

**Carmelo Caruana Company Limited**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li t-TALBA hi formulata kif gej:-

Din hia istanza fejn l-atturi qed jitolbu l-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghal risarciment ta' danni fl-ammont komplessiv ta' tmien mija, tlieta u disghin ewro (€893.00c) in kwantu ghal €393 dovuti lis-socjeta' assikurattiva Atlas Insurance PCC Limited li sborsat a favur l-assikurat taghha FGL Entertainment Limited bhala indennizz [ghal liema hlas is-socjeta' attrici kienet debitament surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha] u in kwantu ghal €500 dovuti lis-socjeta' FGL Entertainment Limited bhala *policy excess* u dan wara li l-atturi garrbu nuqqas ta' *pallet* li kien jikkonsisti minn 32" Colour LCD Television u hames (5) Sony Battery Chargers minn konsenja ta' hames (5) pallets ta' Sony coulour Televisions and Accessories, li waslu

alta fit-3 ta' Awwissu 2009 fuq il-bastiment "Euro Ferry Sicilia", ghal liema nuqqas kienet unikament responsabbli s-socjeta' konvenuta.

L-atturi nghataw estensjoni tat-terminu preskrittiv taghhom mis-socjeta' konvenut fit-3 ta' Awwissu 2010 u dan sad-data tat-3 ta' Settembru 2010.

Oltre d-danni, is-socjeta' konvenuta ghanda thallas l-ispejjes tal-kawza flimkien mal-imghax legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz sad-data tal-effettiv pagament.

**Ra** li fir-RISPOSTA jinghad hekk:-

It-TALBA hi nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Il-kawza hi nfondata ghax garr stradali internazjonali ta' merkanzija li sehh bejn l-Italja u Malta hu regolat bil-Kap 486 tal-Ligijiet ta' Malta li specifikatament jirregola l-kumpens li ghandu jinghata.

Il-kumpens mitlub mis-Socjta' attrici jeccedi l-ammont kalkolat skond Kap 486.

## II PROVI

1. It-TRIBUNAL qed hawn inizzel xi punti biss mix-xhieda mressqa u ghalhekk trid issir riferenza ghax-xhieda shieha misjuba fl-atti tal-kawza.

2. Fl-udjenza tal-21 ta' Gunju 2011 gie verbalizzat, *a fol* 32, hekk:-

> *Il-partijiet qed jiddikjaraw li qed jaqblu li mill-konsenja mertu ta' din it-talba kien hemm telf li jikkonsisti f'zewg kaxxi wahda minnhom kienet tikkontjeni LCD Sony Television u kaxxa ohra kontenenti hamest (5) Sony battery chargers.*
>
> *Dr. Matthew Saliba ghas-socjeta' konvenuta qed jiddikjara li s-socjeta' konvenuta qed tikkontesta biss il-valur.*

3. Qabel tnizzel dan il-verbal, kien xehed **<u>Joseph Mangion</u>** li esebixxa Dok JMM 1 sa 8. Qal li hu jahdem mas-Socjeta' Attrici bhala "company risk surveyor" u "marine cargo claims handler". Id-dokumenti esebiti jirrigwardjaw il-"claim" mertu tal-kawza u li dwarha sar il-verbal imsemmi.

4. Xehed ukoll **<u>Godfrey Mantion</u>**, "storekeeper" ma Forestals Appliances, dwar in-nuqqasijiet ta' merkanzija mertu fil-kawza.

5. Wara l-verbal imsemmi xehdet **<u>Nadia Borg</u>**, "sales executive" mas-Socjeta' konvenuta li fost il-klijenti ghandha Forestals Ltd. Din inkarigat lis-Socjeta' konvenuta tibbukkjalhom "shipment" minn Milan (agent Conbimar and Agemar Sony). Dak li ordnaw Forestals ingarr minn *trailer* provdut mis-Socjeta' konvenuta.

F'Milan jigi sigillat u s-sigill jinfetah meta l-"container" jinhatt Hal Far. Hawn ix-xhud kompliet elaborat dwar x'gara sa ma gie skopert in-nuqqas.

## III KONSIDERAZZJONIJIET

1. Dan it-TRIBUNAL kien, fl-udjenza 19 ta' Novembru 2013 awtorizza liz-zewg partijiet biex jipprezentaw nota ta' Riferenzi rigward il-kontestazzjoni fuq il-*quantum* mitlub mis-Socjeta' attrici. Dan sar u n-Noti ezawrjenti gew ezaminati mit-TRIBUNAL. Dik tas-Socjeta' attrici hi *a fol* 73 *et seq*, dik tas-Socjeta' Intimata hi *a fol 80 et seq*.

2. Hawnhekk ghandna kuntratt ta' garr li fih l-assikurat tas-Socjeta' Assikuratrici Attrici, FGL Entertainment Ltd (li hi wkoll ko-attrici) ta' f'idejn is-Socjeta' konvenuta bhala trasportatur biex twassallu merkanzija Malta, liema garr sar permezz tal-bastiment "Euro Ferry Sicilia" u fi *groupage*, kollox kif ghazlet u taht ir-responsabilta' taghha s-Scojeta' konvenuta. Biex tehles minn din ir-responsabilta' ta' garr li twassal biex FGL Entertainment Ltd jigi konsenjat lilha dak kollu li ngarrilha iridu jigi pruvati cirkostanzi talment straordinarji li t-trasportatur ma setax jaghmel mod iehor. Din il-prova trid issir mit-trasportatur. Gwidat mix-xejra tal-Gurisprudenza fir-rigward, it-TRIBUNAL iqis li dan l-istat ta' mpossibilita' da parti tas-Socjeta' konvenuta ma giex pruvat. Jekk imbaghad nigu ghall-*quantum* mitlub, fix-xenarju mressaq quddiem dan it-TRIBUNAL ebda tnaqqis mhux xieraq taht l-art 23(3) tas-CMR (Convention li taqa taht il-kappa tal-Kap 486 tal-Ligijiet ta' Malta) kif qed titlob is-Socjeta' konvenuta (nara l-ahhar tliet paragrafi tan-NOTA ta' RIFERENZI ta' din is-Socjeta').

## IV KONKLUZZJONI

Meqjus dak kollu mfisser hawn fuq it-TRIBUNAL **jiddeciedi** billi (1) **jichad** l-eccezzjonijiet kolha tas-Socjeta' Intimata, (2) **jilqa** t-talba tas-Socjetajiet Attrici, (3) **jikkundanna** lis-Socjeta' Intimata biex thallas lis-Socjetajiet Attrici l-*quantum* mitlub ta' tmien mija tliet u disghin Ewro (€893.00c) flimkien ma mghax mis-7 ta' Ottubru 2010 (jum li fih l-AVVIZ tat-TALBA gie notifikat) sal-jum tal-pagament effettiv u (4) **jikkundanna** lill-istess Socjeta' Intimata sabiex thallas l-ispejjes tal-kawza.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------